

Brussell, 21 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15763/25

COHFA 96  
DEVGEN 220  
FIN 1431  
COAFR 329  
MAMA 270  
COEST 836  
RELEX 1534

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Ir-Rapport Speċjali 15/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE taħt ġestjoni mill-bogħod – Tista' ssalva l-ħajjiet, iżda l-approċċ għandu n-nuqqasijiet"  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2025)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 15/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill- UE taħt ġestjoni mill- bogħod – Tista' ssalva l- ħajjiet, iżda l- approċċ għandu n- nuqqasijiet", kif approvati fl-4134 laqgħa tal-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 15/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:  
"Għajnuna umanitarja li tingħata mill- UE taħt ġestjoni mill- bogħod – Tista' ssalva  
l- ħajjiet, iżda l- approċċ għandu n- nuqqasijiet"**

1. Il-Kunsill jieħu nota tar-Rapport Speċjali 15/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill- UE taħt ġestjoni mill- bogħod – Tista' ssalva l- ħajjiet, iżda l- approċċ għandu n- nuqqasijiet", maħruġ f'Ġunju 2025, li għall-perjodu bejn l-2019 u l-2023 ivvaluta l-approċċ ta' ġestjoni mill-bogħod tal-Kummissjoni biex titwassal l-għajnuna umanitarja f'żoni li diffiċli jiġu aċċessati filwaqt li jittaffew b'mod adegwat ir-riskji involuti.
2. Il-Kunsill jilqa' l-ambitu wiesa' tar-rapport li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett ta' għajnuna umanitarja, is-sejbiet fir-rapport, l-inklużjoni ta' tliet eżempji ta' pajjiżi: is-Sirja, l-Ukrajna u s-Somalja, it-tweġiba tal-Kummissjoni u l-anness dwar l-aħjar prattiki fis-settur. Il-Kunsill jinnota b'apprezzament li, bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' ġestjoni mill-bogħod, il-Kummissjoni tissodisfa l-mandat tagħha li tipprovdi assistenza umanitarja biex issalva u ttippreserva l-ħajja u tipprevjeni u ttaffi t-tbatija tal-bniedem, anke fl-aktar kuntesti diffiċli.
3. Il-Kunsill jissottolinja li r-rispons umanitarju għandu jkun ankrat f'approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet, b'attenzjoni għall-isfidi, ir-riskji u l-atturi differenti involuti f'kull sitwazzjoni umanitarja. Il-ħidma mal-atturi lokali tista' tiżgura rispons effiċjenti għall-ħtiġijiet lokali u li jintlaħqu dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Il-Kunsill jinnota li l-politika tal-Kummissjoni matul il-perjodu vvalutat hija li jintuża l-approċċ ta' ġestjoni mill-bogħod bħala l-aħħar alternattiva u li terġa' lura għall-implimentazzjoni diretta mis-sħab umanitarji tagħha malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-użu ta' arranġamenti ta' ġestjoni mill-bogħod f'ambjenti kumplessi u affettwati minn kunflitti jgħib miegħu riskju għoli, u jissottolinja l-importanza li jiġu adottati miżuri xierqa u effettivi biex jittaffew dawn ir-riskji.

4. Filwaqt li jilqa' l-kontribut tas-sħab lokali fl-implimentazzjoni tal-għajjnuna umanitarja, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-ġestjoni mill-bogħod timxi id f'id ma' appoġġ sostnut għat-tiħiħ tal-kapaċitajiet, mekkaniżmi ta' superviżjoni msaħħa, u miżuri ċari ta' salvagwardja, sabiex l-appoġġ għall-atturi lokali jiżgura aċċess għall-għajjnuna umanitarja f'żoni li diffiċli jintlaħqu, filwaqt li jiġu ppreservati l-kwalità, ir-responsabbiltà u l-protezzjoni tal-benefiċjarji. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kondiviżjoni tar-riskju mas-sħab skont il-Qafas għall-Kondiviżjoni tar-Riskji tal-IASC, li għalih ikkontribwiet il-Kummissjoni Ewropea.
5. Il-Kunsill jinnota li l-preżenza unika tal-Kummissjoni fuq il-post permezz tan-netwerk estensiv tagħha ta' uffiċċji fuq il-post b'persunal ta' esperti umanitarji tipprovdi vantaġġi ewlenin biex it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jkollu l-informazzjoni meħtieġa u tiżgura monitoraġġ xieraq tal-azzjonijiet iffinanzjati. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinżamm network robust ta' uffiċċji fuq il-post biex jiġu ssorveljati b'mod effettiv l-arranġamenti ta' ġestjoni mill-bogħod. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tikseb aċċess għall-popolazzjonijiet fil-bżonn f'żoni li diffiċli jintlaħqu kif muri fil-pajjiżi li vvalutat il-Qorti tal-Awdituri.
6. Il-Kunsill jilqa' l-erba' rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Awdituri dwar:
  - **it-titjib tal-approċċ ta' ġestjoni mill-bogħod u gwida fejn il-Kummissjoni hija mitluba biex qabel tmiem l-2026:**
    - a) tiddefinixxi aħjar, fil-gwida tagħha, il-ġestjoni mill-bogħod u s-sitwazzjonijiet ta' ġestjoni mill-bogħod parzjali;
    - b) tinkorpora aħjar, fir-reġistru tar-riskji tagħha, ir-riskji marbuta mal-approċċ ta' ġestjoni mill-bogħod, u taġġorna l-istrateġija ta' kontroll tagħha biex tiżgura li l-kontrolli jindirizzaw speċifikament ir-riskji marbuta mal-ġestjoni mill-bogħod; u
    - c) tfassal mill-ġdid il-mudelli ta' ġestjoni mill-bogħod tagħha u tinkludihom fis-sistemi tal-IT tagħha.

- **it-tisħiħ tal-proċess ta' ċertifikazzjoni għas-sħab tal-NGOs, fejn il-Kummissjoni hija mitluba biex qabel tmiem l-2026:**
  - a) tivvaluta l-kapaċità tas-sħab li jidentifikaw, jagħżlu, jivvalutaw u jimmonitorjaw is-sħab ta' implimentazzjoni lokali tagħhom biex jaraw li ssir sorveljanza adegwata;
  - b) tikseb, mingħand l-awditur indipendenti tas-sieħeb, aċċertament raġonevoli dwar il-kapaċità teknika u amministrattiva tal-kwartieri ġenerali tal-familja, meta s-sħab NGOs jużaw il-kwartieri ġenerali tal-familja bħala sħab ta' implimentazzjoni.
  
- **il-verifika tal-informazzjoni pprovduta mis-sħab fir-rappurtar li jwettqu tal-ġestjoni mill-bogħod tagħhom fejn il-Kummissjoni hija mitluba biex qabel tmiem l-2025:**
  - a) tivvaluta l-kriterji għall-approvazzjoni tal-finanzjament għal azzjoni mmaniġġjata mill-bogħod abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti;
  - b) abbażi ta' kampjun, tivverifika l-preċiżjoni tal-informazzjoni li tiġi rrappurtata mis-sħab;
  - c) tipprovidi feedback lis-sħab dwar il-monitoraġġ tagħhom tar-ritorni u taġġorna l-mudelli ta' rapportar u l-gwida fejn jiġu identifikati nuqqasijiet ripetuti.
  
- **ir-rappurtar dwar il-ġestjoni mill-bogħod lill-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni hija mitluba biex qabel tmiem l-2025:**
  - a) tagħmel ir-rappurtar tagħha lill-partijiet ikkonċernati (rappurtar annwali u ad hoc lill-Kunsill u lill-Parlament) aktar trasparenti billi tinkludi informazzjoni dwar l-ambitu, il-finanzjament u r-risultati tal-ġestjoni mill-bogħod.
  
- 7. Filwaqt li jilqa' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi ssimplifikat ir-rappurtar u li ma jiżdiedx il-piż eċċessiv fuq is-sħab umanitarji involuti.
  
- 8. Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi t-twassil tagħha ta' assistenza fi flus kontanti, inkluż il-valur nett li jilħaq lill-benefiċjarji (b'kont meħud tal-ispejjeż tal-kambju, l-intermedjarji informali u r-restrizzjonijiet tas-suq), u biex tinkludi metriċi tal-effiċjenza fil-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti għal programmi kbar ta' flus kontanti.

9. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat u impenjat ruħha għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha, f'perjodu ta' żmien kif deskritt mill-Qorti tal-Awdituri. Il-Kunsill jilqa' aġġornamenti regolari dwar il-progress bl-ewwel rapport lill-Kunsill f'Diċembru 2025.
10. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tibda riflessjoni konġunta f'Tim Ewropa dwar l-armonizzazzjoni tal-prattiki u l-proċeduri tad-donaturi tal-UE rigward il-lokalizzazzjoni tal-ghajjnuna, sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, iżda wkoll biex tibni fuq il-ħidma li għaddejja dwar ir-rilanċ umanitarju.

---